MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 82/2009

**Sofia Rusanova ID 20120A**

**vs**

**Tiara Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-20 ta' Jannar 2009, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' elf u sitta u tmenin Euro u dsatax-il centezmu (€1086.19) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali.

Sema` lill-attrici li waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju 2010 xehdet bil-gurament taghha illi l-ammont reklamat ghadu kollu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra illi s-socjeta` intimata giet debitament notifikata izda la rrispondiet u lanqas ma dehret ghas-seduti.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elf u sitta u tmenin Euro u dsatax-il centezmu (€1086.19), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------